KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

**Ir-Rapport Amministrattiv 2015/6**

Wara l-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali li saret f'Novembru li għadha l-Eżekuttiv kellu ħafna pjannijiet għas-sena il-ġdida. Bdejna naħdmu biex insaħħu l-kunttat tagħna ma' għaqdiet oħra kemm fuq livel nazzjonali kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Fuq livell internazzjonali l-Kunsill żamm preżenza attiva', fejn fost l-oħrajn attenda laqgħat tal-European Youth Forum li ahna membri sħaħ u attivi tagħom. Membri tal-Kunsill attendew ukoll il-Young Businessman Congress li sar fit-Turkija, fejn ġew diskussi temi ta' ugwaljanza u kif jista' mil-business ikun hemm Ewropa u dinja iktar ġusta. F'April membri tal-Eżekkuttiv attendew il-Youth Conference li saret ġewwa Amsterdam minħabba li l-Presidenza tal-KUnsill tal-EU kienet f'idejn l-Olanda fejn d-delegatti Maltin tal-Kunsill flimkien mad-delegati mil-Aġenzia Żgħażagħ appart li jipparteċċipaw fil-Konferenza, kienu qed josservaw l-asspett organizzativ bi preparazzjoni għal meta iridu nospittaw il-Youth Conference aħna f'Marzu li ġej meta Malta ikollha l-Presidenza tal-Kunsill tal-EU.  F'Ġunju rappreżżentant tal-Eżekuttiv kien parti min delegazzjoni ta' rappreżżentanti tas-Soċjeta Ċivili Maltija organizzata tar-Rappreżżentanza tal-Kummissjoni Ewropeja ġewwa Malta li maret iżur l-istituzzjonijiet Ewropej ġewwa Brussel, fejn apparti li saħħaħna l-kuntat mal-Istituzzjonijiet għamilna ħafna kunttatti ma' għaqdiet oħrajn.

Fuq Livell Nazzjonali attendejna is-seduta tal-Parlament għal persuna b'diżabilita, oganizzata mil-KNPD.  Saħħaħna l-parteċippazzjoni tagħna fil-proġġett tal-Kunsill LOkali taż-żgħażagħ li norganizzaw b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Żgħażagħ, li sfortunatament fl-aħħar snin bħala Kunsill konna naqasna l-involviment tagħna fih. Iltqajna flimkien mal-Partecipanti tal-Parlament taz-Żgħażagħ 2016 mal-President ta' Malta fejn preżentajnilha r-reżoluzzjonijiet bi proposti tagħħom u neddejna l-attivita' annwali tagħna l-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ li ħa jkun qiegħed jiltaqgħa nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru ġewwa l-Kamra tar-Rappreżentanti b' konferenza stampa quddiem il-Parlament bis-sehem tas-Segretarju Parlamentari ghar-Riċerka, Innovazzjoni, z-Żghażagħ Hon Chris Agius u Sport u l-kelliem tal-Oppożizzjoni għaż-Żgħażagħ, Hon David Agius. Din is-sena għal għadna numru record ta' parteċipanti li applikaw biex jipparteċipaw, kif ukoll irnexxilna nilħqu ftehiem mal-Agenzija Żgħażagħ, JCI Malta u lwhips taż-żewġ naħħat tal-Kamra sabiex jipprovdu workshops lil Parteċipanti. Żewġ membri tal-Eżekkutiv kienu preżenti għas-Sessjoni ta' MIstoqsijiet mal-Prim Ministru 'Ask JM'. Rappreżżentanti tal-Kunsill għamlu workshop il-Youth Café ġewwa l-Higher fuq iċ-Ċittadinanza attiva, fejn Kellna diskussjoni maż-żgħażagħ preżenti fuq kif jistgħu ż-żgħażagħ ikunu dejjem iktar attivi fis-soċjeta tal-lum. Ħdimna sabiex jiġi ippublikat booklet flimkien mal-Aġenzija Żgħażagħ dwar l-

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

attivizmu żgħażugħ ġewwa Malta u li fih tajna l-opportunita lil għaqdiet tagħna sabiex jiktbu fuq x'jagħmlu u b'hekk iktar nies isiru jafu dwar il-ħidma tagħom.

Fuq livell amministrativ iltqajna, irnexxilna nilħqu ftehiem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex wara sentejn li l-KNZ fih ma kellux impjegat miegħu, almenu ikollna part-timer sabiex jaħdem fuq il-Presidenza. Is-sejħa għal dan għanda toħroġ dalwaqt.

Wara li ftit xhur ilu ġew Malta xi rappreżżentatni tal-European Youth Forum u għandna l-urur li dan il-weekend il-European Youth Forum qiegħed ilaqa l-eżekkuttiv tiegħu ġewwa l-uffiċju tagħna fil-Floriana bejn illum u għada.

Ovjament il-Kunsill kellu ħafna iktar pjannijiet għal din is-sena, pero kif kullħħadd jaf, fi ftit żmien kien hemm 6 reżenji li ma kienux mistenija, u dan ovjament waqaf ħesrem ix-xogħol tal-Kunsill u għalhekk ilum qedgħin quddiemkom sabiex telleġġu eżekkutiv ġdid biex ikompli b'din il-ħidma.